# IT-TRASPORT BL-AJRU: IS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI

Is-sigurtà tal-avjazzjoni (li hija differenti mis-sikurezza tal-avjazzjoni[1]) teżisti biex tipprevjeni atti malizzjużi kontra l-ajruplani, il-passiġġieri u l-ekwipaġġ tagħhom. Wara l-attakki terribbli tal-2001, l-UE adottat sett ta' regoli dwar is-sigurtà għas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili. Dawn ir-regoli jiġu aġġornati regolarment biex jindirizzaw ir-riskji li qed jevolvu. L-Istati Membri jżommu d-dritt li japplikaw miżuri aktar stretti.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## L-OBJETTIVI

L-għan tas-sigurtà tal-avjazzjoni huwa li jiġu evitati atti ta' interferenza illegali, l-aktar billi żżomm oġġetti ta' periklu bħal armi u splussivi 'l bogħod mill-ajruplan. Dan l-għan kien ilu jingħata prijorità għal għexieren ta' snin meta minħabba l-attakki terroristiċi ta' Settembru 2001 sar kwistjoni ta' tħassib kbir. Sa minn dak iż-żmien, il-qafas regolatorju f'dan il-qasam kiber b'mod konsiderevoli madwar id-dinja kollha, sew jekk nazzjonalment, permezz ta' kooperazzjoni jew ftehimiet internazzjonali, jew permezz tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili[2] (ICAO) u l-Anness 17 għall-Konvenzjoni ta' Chicago u l-Programm Universali ta' Awditjar tas-Sigurtà[3] (USAP) relatat. F'dan li jirrigwarda l-Unjoni Ewropea, din żviluppat politika xierqa li hija aġġornata regolarment biex tindirizza riskji u theddidiet li qed jevolvu, kif ukoll bidliet teknoloġiċi.

[1]Is-sikurezza tal-avjazzjoni għandha x'taqsam mad-disinn, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-operat tal-ajruplan (3.4.9).
[2]L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) hi l-aġenzija speċjalizzata tal-NU stabbilita permezz tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (magħrufa wkoll bħala l-Konvenzjoni ta' Chicago), iffirmata fis-7 ta' Diċembru 1944, li s'issa tinkludi fiha 191 Stat li huma partijiet kontraenti. L-ICAO tistabbilixxi l-istandards u l-prattiki rakkomandati li għandhom jiġu infurzati mill-Istati Kontraenti, iżda ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu vinkolanti biex jiggarantixxi l-applikazzjoni xierqa tagħhom.
[3]L-Anness 17 għall-Konvenzjoni ta' Chicago jistabbilixxi standards u prattiki rakkomandati għall-protezzjoni tas-sigurtà tat-trasport internazzjonali bl-ajru. Il-Programm Universali ta' Verifika tas-Sigurtà (USAP) tnieda fl-2002 biex jimmonitorja l-konformità tal-Istati Kontraenti tal-ICAO ma' dawn l-istandards.

## IL-KISBIET

Wara l-attakki terroristiċi ta' Settembru 2001 ġie adottat ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002[4] għas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili u biex jipprovdi l-bażi għal interpretazzjoni komuni mill-Istati Membri tal-Anness 17 għall-Konvenzjoni ta' Chicago. F'Marzu 2008, dan ir-regolament ġie sostitwit mir-Regolament (KE) Nru 300/2008[5].

Dan ir-regolament ġie adottat mill-Parlament u mill-Kunsill biex jistabbilixxi r-regoli komuni u l-istandards bażiċi għas-sigurtà tal-avjazzjoni, kif ukoll mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-konformità. Ir-regolament hu supplimentat b' sett ta' regolamenti (miżuri ġenerali li jissupplimentaw l-istandards bażiċi komuni, jew miżuri dettaljati meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawk l-istandards[6]) adottati mill-Kummissjoni permezz tal-proċedura ta' komitoloġija. Ta' min jinnota li r-regoli ta' implimentazzjoni, li jinkludu fihom informazzjoni sensittiva dwar is-sigurtà, mhumiex ippubblikati. Il-qafas regolatorju tal-UE huwa bbażat fuq standards komuni vinkolanti u fuq il-prinċipji bażiċi li ġejjin:

— Kull Stat Membru huwa responsabbli għas-sigurtà tat-titjiriet li jitilqu mit-territorju tiegħu ("ir-responsabilità tal-Istat ospitanti", kif stabbilit mill-ICAO).

— Il-passiġġieri u l-persunal kollu, u l-bagalji kollha, jeħtieġ jiġu skrinjati qabel l-imbark. Il-merkanzija, il-posta u l-provvisti għal matul it-titjira wkoll jeħtieġ jiġu skrinjati qabel jitgħabbew, sakemm ma kinux soġġetti għal kontrolli xierqa tas-sigurtà.

— L-Istati Membri jżommu d-dritt li japplikaw miżuri ta' sigurtà aktar stretti jekk iqisu li jkun meħtieġ.

Il-qafas regolatorju tal-UE jkopri l-elementi kollha tal-katina tat-trasport bl-ajru li jistgħu jolqtu s-sigurtà tal-ajruplan u/jew tal-infrastruttura. Dan jinkludi: l-ajruport, l-ajruplan, il-passiġġieri, il-bagalji, il-merkanzija, il-provvisti tal-ajruport u l-provvisti ta' matul it-titjira, il-persunal tas-sigurtà u t-tagħmir tas-sigurtà. Ir-regoli tal-UE japplikaw għall-ajruporti kollha fl-Unjoni li huma miftuħin għall-avjazzjoni ċivili, għall-operaturi kollha li jipprovdu servizzi f'dawn l-ajruporti, inkluż it-trasportaturi bl-ajru, u għall-operaturi l-oħra kollha "li japplikaw standards ta' sigurtà tal-avjazzjoni" li jipprovdu oġġetti u servizzi lil ajruporti bħal dawn jew permezz tagħhom[7]. L-istandards ta' sigurtà applikati xorta waħda jistgħu jkunu proporzjonati għall-ajruplan/l-operazzjoni/it-traffiku involuti.

F'dan il-kuntest, kull Stat Membru jaħtar awtorità waħda li tkun responsabbli għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-liġi dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni, u barra minn hekk ifassal u jimplimenta "programm nazzjonali ta' sigurtà tal-avjazzjoni ċivili" (li jistabbilixxi r-rwoli u l-obbligi tal-operaturi kollha kkonċernati). L-Istati Membri jistabbilixxu u jimplimentaw ukoll programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità (biex jiġi determinat il-livell ta' konformità tal-operaturi u jipprovdi miżuri li jikkoreġu n-nuqqasijiet), jimponu penali fuq il-ksur, u jikkooperaw mal-Kummissjoni meta din tagħmel spezzjonijiet għall-monitoraġġ ta' konformità mar-regoli tal-UE

[4]ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1.
[5]ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.
[6]Il-miżuri ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni huma kkonsolidati fir-Regolament (UE) 2015/1998.
[7]Ir-regoli tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE japplikaw għan-Norveġja, l-Iżlanda, Liechtenstein u l-Iżvizzera.

dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni. L-operaturi kkonċernati jeħtieġ li jfasslu u jimplimentaw "programm ta' sigurtà" biex jikkonformaw mad-dritt tal-UE u mal-"programm nazzjonali ta' sigurtà tal-avjazzjoni ċivili" tal-Istat Membru fejn jinsabu. Il-Kummissjoni twettaq spezzjonijiet, mingħajr avviż minn qabel, tal-ajruporti u tal-operaturi, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sigurtà tal-avjazzjoni (dawn l-awtoritajiet huma spezzjonati wkoll), biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE.

Minn Lulju 2014, il-linji tal-ajru li għandhom il-ħsieb li jġorru l-merkanzija lejn l-UE minn ajruport mhux tal-UE għandhom jikkonformaw mal-"programm ACC3" biex jiżguraw li din il-merkanzija tiġi skrinjata fiżikament skont l-istandards tal-UE. F'dan ir-rigward, il-kontrolli fil-post f'ajruporti ta' pajjiżi terzi jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati, fejn rilevanti.

Biex tiffaċilita t-trasport bl-ajru, il-Kummissjoni tista' tirrikonoxxi l-ekwivalenza ta' standards tas-sigurtà tal-avjazzjoni ta' pajjiżi terzi, bħalma huwa l-każ bħalissa mal-Istati Uniti, il-Kanada u għadd żgħir ta' pajjiżi Ewropej li mhumiex fl-UE. Barra minn hekk, minn Ġunju 2012, l-UE u l-Istati Uniti bdew jirrikonoxxu b'mod reċiproku r-reġim tas-sigurtà tal-merkanzija bl-ajru ta' xulxin, kemm fil-każ tal-merkanzija li tinġarr fuq titjiriet tal-merkanzija kif ukoll fil-każ tal-merkanzija li tinġarr fuq titjiriet tal-passiġġieri. Konsegwentement, it-trasportaturi tal-ajru li jittrasportaw merkanzija bejn l-UE u l-Istati Uniti ma għandhomx għalfejn japplikaw rekwiżiti addizzjonali tal-UE jew tal-Istati Uniti.

Il-qafas leġiżlattiv attwali jħalli f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu kif għandhom jiġu koperti l-ispejjeż tas-sigurtà tal-avjazzjoni. Fl-2009 l-Kummissjoni pproponiet direttiva li tiżgura li prinċipji ewlenin, bħar-rabta mal-ispejjeż u n-nondiskriminazzjoni bejn it-trasportaturi jew il-passiġġieri, jiġu applikati[8]. Madankollu, din il-proposta ma adottatx pożizzjoni dwar il-kwistjoni ewlenija tal-finanzjament pubbliku versu l-prinċipju ta' "min juża jħallas", u tuża l-prinċipju tas-sussidjarjetà biex jiġi ddeterminat min iħallas għas-sigurtà. Fin-nuqqas ta' approvazzjoni min-naħa tal-leġiżlatur, din il-proposta ġiet irtirata mill-Kummissjoni fl-2015.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament Ewropew dejjem ikkunsidra li s-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili hija waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin tal-UE, u approva t-twaqqif ta' sistema stretta u effettiva sabiex jiġi prevenut u evitat kwalunkwe attakk terroristiku. Il-Parlament enfasizza wkoll l-importanza tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u l-ħtieġa ta' kontrobilanċ bejn il-miżuri biex titjieb is-sigurtà tal-avjazzjoni u salvagwardji sodi u xierqa bl-għan li jkun protetti l-privatezza, id-dinjità personali u s-saħħa taċ-ċittadini.

Permezz ta' riżoluzzjoni (tat-23 ta' Ottubru 2008), perezempju, il-Parlament obbliga lill-Kummissjoni tirtira u timmodifika proposta dwar l-iskeners tal-persuna ('body scanners'), filwaqt li r-rapport tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2011 iħeġġeġ li jiġi eskluż l-użu ta' kwalunkwe teknoloġija li tuża radjazzjoni jonizzanti fl-iskrinjar għal raġunijiet ta' skrinjar tas-sigurtà, u rrakkomanda li għandhom jintużaw biss xbihat rappreżentattivi ('stick

[8]COM(2009)0217.

figures') u li d-data relatata ma għandhiex tinħażen jew tinżamm. Il-leġiżlazzjoni dwar l-iskeners tal-persuna adottata f'Novembru 2011[9] tissodisfa dawn il-kriterji.

F'termini ġenerali, il-Parlament huwa tal-opinjoni li l-proċedura ta' komitoloġija mhix xierqa fis-settur tas-sigurtà tal-avjazzjoni, għall-inqas fir-rigward ta' miżuri li għandhom impatt fuq id-drittijiet taċ-ċittadini. Għalhekk ir-rapport tiegħu ta' Ġunju 2011 talab li l-Parlament biex ikun involut bis-sħiħ permezz ta' kodeċiżjoni (dan għadu mhux il-każ, madankollu).

Rigward il-finanzjament tal-miżuri ta' sigurtà, il-Parlament jikkunsidra li l-imposti tas-sigurtà għandhom ikopru biss l-ispejjeż ta' sigurtà u li l-Istati Membri li japplikaw miżuri aktar stretti għandhom iġorru l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw.

Id-deċiżjonijiet relatati tal-Parlament Ewropew:

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2008 dwar l-impatt tal-miżuri ta' sigurtà tal-avjazzjoni u body scanners fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-privatezza, id-dinjità umana u l-protezzjoni tad-dejta[10];

— Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni[11];

— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Lulju 2011 dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni b'enfasi partikolari fuq l-iskanners tas-sigurtà[12].

Esteban Coito
05/2019

[9]Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2011 (ĠU L 293 11.11.2011) u Nru 1147/2011 (ĠU L 294 12.11.2011).

[10]ĠU C 15 E, 21.1.2010, p. 71.

[11]ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 164.

[12]ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 125.